



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8995/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0100(NLE)

AELE 26
SM 2
AGRI 238
MI 406
UD 130

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 207 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, u l-arranġamenti għal importazzjonijiet ta' prodotti organiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 207 final.

Mehmuż: COM(2019) 207 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2019
COM(2019) 207 final

2019/0100 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, u l-arranġamenti għal importazzjonijiet ta' prodotti organiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli, skont il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali UE-San Marino dwar il-produzzjoni organika, it-tikkettar ta' prodotti organiċi u l-arranġamenti għal importazzjonijiet ta' prodotti organiċi.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino

Il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino ("il-Ftehim") għandu l-għan li jistabbilixxi unjoni doganali bejn il-partijiet u jippromwovi kooperazzjoni komprensiva bejniethom sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' San Marino u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejniethom. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002.

2.2. Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino

Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino għandu l-kompitu li jamministra l-Ftehim u jiżgura li jkun implimentat kif xieraq. Huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni (assistiti minn delegati tal-Istati Membri) u San Marino. Id-deċiżjonijiet jittieħdu bi qbil komuni. Il-president huwa rappreżentant tal-Kummissjoni mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju kull sena u rappreżentant ta' San Marino għat-tieni nofs tas-sena.

2.3. Att previst tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino

Fis-sessjoni li jmiss, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino jrid jadotta Deċiżjoni rigward id-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-produzzjoni organika, it-tikkettar ta' prodotti organiċi u l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi ("l-att previst").

F'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni beħsiebu juża l-possibbiltà ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 6 tal-Anness I tad-"Deċiżjoni Omnibus" (id-Deċiżjoni Nru 1/2010 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino tad-29 ta' Marzu 2010¹).

L-iskop tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli applikabbli tal-UE dwar il-produzzjoni organika, it-tikkettar ta' prodotti organiċi u l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi bejn il-partijiet tal-Ftehim.

Il-kjarifika se tippermetti li San Marino japplika l-acquis tal-UE b'mod korrett u jkompli bil-kummerċ fi prodotti organiċi mal-UE. Se jippermetti wkoll li l-UE żżid lil San Marino fis-Sistema elettronika tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji ("TRACES"). Minn Ottubru 2017, skont ir-Regolament (KE) 2016/1842, kien possibbli li jinħareġ u jiġi approvat ċertifikat elettroniku ta' spezzjoni (kif mitlub għar-rilaxx ta' prodotti importati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni) permezz tat-TRACES biss. Qabel, iċ-ċertifikat kien maħruġ biss f'forma stampata.

¹ ĠU L 156, 23.6.2010, p. 13.

L-att previst se jippermetti wkoll li l-awtoritajiet ta' San Marino jieħdu deċiżjonijiet fil-qasam kopert mill-att u jagħmlu komunikazzjonijiet meta d-dispożizzjonijiet rilevanti jirreferu għal deċiżjonijiet jew komunikazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Ftehim UE-San Marino jitlob li San Marino japplika l-partijiet tal-acquis tal-UE koperti mill-Ftehim, kif applikabbli fl-UE u fejn meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tal-Ftehim. Huwa jipprovdli li d-dispożizzjonijiet applikabbli, inklużi r-regoli dwar il-kwalità, għandhom ikunu determinati f'aktar dettall mill-Kumitat ta' Kooperazzjoni. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġi appoġġjat il-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali stabbilita mill-Ftehim, issa hemm hteġġa li jiġi ċċarat l-acquis applikabbli dwar il-produzzjoni organika, it-tikkettar ta' prodotti organiċi u l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi. Dan l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino jipprevedi din il-kjarifika.

Il-partijiet rilevanti tal-acquis (kif emendati u kkoreġuti) jinkludu:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi²;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008³ li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007; u
- Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008⁴ li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi.

Il-kjarifika, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni, se tippermetti li San Marino japplika l-acquis tal-UE b'mod korrett, biex ikompli l-kummerċ fi prodotti organiċi mal-UE u tippermetti li l-UE żżid lil San Marino fit-"TRACES", is-Sistema elettronika tal-UE tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (ara t-Taqsima 2.3).

Il-Ftehim UE-San Marino għandu l-għan li jippromwovi l-kooperazzjoni komprensiva bejn il-partijiet, isaħħaħ ir-relazzjonijiet bejniethom u jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' San Marino. Il-kjarifika tar-regoli li għandhom jiġu applikati għall-prodotti organiċi se tippermetti li San Marino jagħmel kummerċ f'dawn il-prodotti u għaldaqstant isaħħaħ ir-relazzjoni speċjali tal-UE miegħu, kif previst fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-Dikjarazzjoni Nru 3 dwar dik id-dispożizzjoni.

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà billi l-oġettiv huwa li tiġi ċċarata l-applikabbiltà f'pajjiż mhux tal-UE ta' regoli fis-settur tal-agrikoltura organika deċiżi fil-livell tal-UE. Dan ma jistax isir mill-Istati Membri.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jistipula deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li għandhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il korp inkwistjoni u l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*⁵.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat ta’ Kooperazzjoni UE-San Marino huwa korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta’ San Marino.

L-att li l-Kumitat ta’ Kooperazzjoni huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali.

L-att previst għandu effetti legali kif ġej.

Il-Ftehim UE-San Marino jitlob li San Marino japplika l-partijiet tal-acquis tal-UE koperti mill-Ftehim, kif applikabbli fl-UE u fejn meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tal-Ftehim.

Il-Ftehim jipprevedi li d-dispożizzjonijiet applikabbli, inklużi dawk dwar ir-regoli dwar il-kwalità, iridu jiġu determinati f’aktar dettall mill-Kumitat ta’ Kooperazzjoni. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġi appoġġjat il-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali stabbilita mill-Ftehim, issa hemm hteġġa li jiġi ċċarat l-acquis applikabbli dwar il-produzzjoni organika, it-tikkettar ta’ prodotti organiċi u l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta’ prodotti organiċi. L-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat ta’ Kooperazzjoni UE-San Marino jipprevedi din il-kjarifika.

Il-kjarifika se tippermetti li San Marino japplika l-acquis tal-UE b’mod korrett u jkompli bil-kummerċ fi prodotti organiċi mal-UE. Se jippermetti wkoll li l-UE żżid lil San Marino fis-Sistema elettronika tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (“TRACES”).

Minn Ottubru 2017, skont ir-Regolament (KE) 2016/1842, kien possibbli li jinħareġ u jiġi approvat ċertifikat elettroniku ta’ spezzjoni (kif mitlub għar-rilaxx ta’ prodotti importati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni) permezz tat-TRACES biss. Qabel, iċ-ċertifikat kien maħruġ biss f’forma stampata.

L-att previst se jippermetti li l-awtoritajiet ta’ San Marino jieħdu deċiżjonijiet fil-qasam kopert mill-att u jagħmlu komunikazzjonijiet meta d-dispożizzjonijiet rilevanti jirreferu għal deċiżjonijiet jew komunikazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk dak l-att ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-agrikoltura.

Ir-Regolamenti li huma s-suġġett tal-att previst (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 889/2008 u 1235/2008) huma bbażati fuq l-Artikolu 43 tat-TFUE (li qabel kien l-Artikolu 37 tat-TKE).

Għaldaqstant, il-baży ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi d-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino se jkollha l-effetti legali indikati fil-punt 4.1.2, huwa xieraq li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, u l-arranġamenti għal importazzjonijiet ta' prodotti organiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino⁶ ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/245/KE⁷ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002.
- (2) Skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni irid jiddetermina f'aktar dettall id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar il-kwalità.
- (3) Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni irid jadotta deċiżjoni dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli, taħt il-Ftehim, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, u l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni, billi d-determinazzjoni f'aktar dettall tad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni se ssaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt fost il-partijiet tal-Ftehim u se tappoġġja l-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali bejn l-Unjoni u San Marino.
- (5) Konsegwentement, hemm il-ħtieġa li tiġi ċċarata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li tinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007⁸ u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008⁹ u (KE) Nru 1235/2008¹⁰. Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu stipulati

⁶ ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/245/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar il-konklużjoni ta' ftehim dwar il-koperazzjoni u l-unjoni doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino u tal-Protokoll tiegħu wara t-tkabbir li sar fl-1 ta' Jannar 1995 (ĠU L 84, 28.3.2002, p. 41).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni

l-arranġamenti meħtieġa għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi, kif ukoll proċedura li trid tiġi segwita f'każ li tiġi adottata leġislazzjoni ġdida tal-Unjoni dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi li taffettwa r-referenzi għad-dispożizzjonijiet applikabbli u l-arranġamenti maqbula,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni li jinsab meħmuż ma'din id-Deċiżjoni.

Tibdil minuri fl-abbozz tal-att jista' jiġi miftiehem mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).